A.L. 232 ta' l-2004

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
(ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħla livelli ta' Emissjoni Nazzjonali fil-każ ta' Ċerti Sustanzi Atmosferiċi li Jniġġsu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħla livelli ta' Emissjoni Nazzjonali fil-każ ta' Ċerti Sustanzi Atmosferiċi li Jniġġsu u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Ogħla livelli ta' Emissjoni Nazzjonali fil-każ ta' Ċerti Sustanzi Atmosferiċi li Jniġġsu hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 291 ta' l-2002.

2. Minnufih wara l-kelma "Malta" fil-paragrafu (b) tar-regolament 2 tat-test Ingliż tar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied il-kelma "from". Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-kelma "Skeda" fir-regolamenti 5, 6, 7 u 12 tar-regolamenti prinċipali għandha tidħol il-kelma "Anness". Jemenda r-regolamenti 5, 6, 7 u 12 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok l-Anness I u l-Anness II li jinsabu mar-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu dawn li ġejjin:- Sostituzzjoni ta' l-Annessi I u II tar-regolamenti prinċipali.

"ANNESS I

National Emission ceilings for Malta for SO_2, NO_X, VOC and NH_3 to be attained by 2010. (1)

Livelli ta' emmissjoni nazzjonali għal Malta ta' SO_2, NO_X, VOC u NH_3 li jridu jintlaħqu sas-sena 2010. (1)

Country/Pajjiż	SO_2 Kilotonnes	NO_X Kilotonnes	VOC Kilotonnes	NH_3 Kilotonnes
Malta	9	8	12	3

(1) Dawn il-livelli nazzjonali ta' emmissjoni huma temporanji u minghajr preġudizzju ghal reviżjoni skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 10 tad-Direttiva 2001/81/EC, li ghandha tkun kompluta sas-sena 2004.

ANNESS II

Il-Metodu li ghandu jintuża biex jiġu stabbiliti inventarji u proġettazzjonijiet ta' l-emmissjonijiet.

Malta ghandha tistabilixxi inventarji u proġettazzjonijiet ta' l-emmissjonijiet skond il-metodi maqbula fil-*Convention on Long-Range Transboundary Air Pollution* u ghandha tuża il-gwidi stabbiliti mil-*EMEP/CORINAIR (Air Emissions Inventory of the European Environment Agency)*.".